# IL-KWADRU TAL-"AGUNIJA TA' SAN ĠUŻEPP" FIL-KNISJA TAL-FONTANA, GĦAWDEX

Aaron Formosa M.A.

Il-kwadru tal-"Agunija ta' San Ġużepp" hu wieħed mill-aħjar kwadri li nsibu fis-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana. F'dan is-Santwarju nsibu xogħlijiet ta' diversi pitturi illustri Maltin fosthom żewġ kwadri ta' Giuseppe Calì, diversi kwardri ta' Lazzaro Pisani, kwadru ta' Michele Busuttil u diversi oħrajn. Pero' f'dan l-artiklu ser niffoka fuq il-kwadru ta' Silvio Galimberti li jirrappreżenta l-mument tal-agunija ta' San Ġużepp.

Galimberti ma kienx Malti imma Taljan. Twieled Ruma fis-sena 1869 u miet fl-istess belt fis-sena 1956. Ix-xogħlijiet tiegħu nsibuhom f'diversi knejjes Rumani fosthom dawk ta' Sant'Andrea della Valle, San Gioacchino, Santa Maria in Montesanto, Sant'Isidoro u San Patrizio. Insibu wkoll xogħlijiet tiegħu fis-Sala Dukali tal-Vatikan u fis-Seminarju Pontifiċju Ruman. Dan biex ma nsemmux ix-xogħlijiet l-oħra li għandu madwar l-Italja. Dan kollu juri li Galimberti kien pittur ta' stoffa kbira. F'Malta, jidher li ftit huma x-xogħlijiet tiegħu: il-kwadru tal-agunija ta' San Ġużepp li għandna fil-Fontana, il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù fil-knisja ta' Ħal-Luqa u xogħol ieħor li hemm fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, il-Belt Valletta li jirrappreżenta lil Antonio Sciortino.

Il-kwadru tal-agunija ta' San Ġużepp ġie ikkommisjonat u mħallas mill-Imħallef Giuseppe Cremona li kien mir-Rabat t'Għawdex. Il-kwadru tqiegħed f'postu fil-bidu tas-sena 1906 – ftit xhur wara li kien tqiegħed f'postu kwardu ieħor illustri: dak ta' San Mikel, xogħol iċ-ċelebri pittur Malti Giuseppe Calì.

Issa ngħaddu biex ngħidu xi ħaġa fuq il-kompożizzjoni tal-kwadru nnifsu. Il-pittur, b'abilta' kbira, jirnexxielu joħloq bilanċ bejn sezzjonijiet fil-kwadru li fihom hemm attività għaddeja u sezzjonijiet oħra fejn l-attività hi eliminata. Allura hemm bilanċ jew armonija totali għax għalkemm hemm sezzjonijiet li jirrikjedu l-attenzjoni u l-ħsieb ta' dak li qed iħares lejn il-kwadru, hemm sezzjonijiet oħra (jiġifieri fl-ispazji fejn m'hemmx attività għaddejja) fejn l-għajn tisrieħ.



L-għajn ta' min qed iħares lejn il-kwadru hi awtomatikament idderiġuta (mill-artist) lejn il-figura mimduda ta' San Ġużepp fis-sodda. L-artist dan jagħmlu permezz ta' tliet manuvri: (a) l-ewwel billi jagħmel lill-figuri prominenti fil-kwadru jitfgħu ħarsithom lejn San Ġużepp – hekk, li bla ma rridu aħna wkoll awtomatikament inħarsu lejn San Ġużepp; (b) it-tieni billi jpingi lill-figura ta' San Ġużepp l-aktar waħda b' tonalità mdawla (bajda). Din it-tonalità mdawla ta' San Ġużepp tispikka aktar għax hi mpoġġiha f'kuntrast mal-figura tal-Madonna li qiegħda maġenbu tassistih. It-tonalità tal-Madonna hi kemxejn skura; (ċ) it-tielet billi juża l-kulur isfar (kulur li hu minnu nnifsu sħun, imdawwal u li jiġbed l-attenzjoni) biex ipinġi l-gverta li qed tgħatti l-figura mimduda ta' San Ġużepp.

Wara li tiffoka fuq il-figura ta' San Ġużepp, għajnejna dritt tmur fuq il-figura ta' Ġesù Kristu. Hu jinsab bil-wieqfa jassisti lill-missier putattiv tiegħu fl-aħħar istanti tal-ħajja tiegħu fuq din l-art. Għalkemm manifestament sogħbien f'mument hekk mimli amarezza, Kristu jidher kalm, seren u reżolut.

Jidher li l-pittur uża skema ta' kulur li tibbaża ruħha fuq dawn il-kuluri: isfar, aħmar fl-oranġjo, ikħal fl-aħdar u l-vjola.